**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 134 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Chalie Muscat**

Illum, 20 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Chalie Muscat, bin John Mary Muscat u Victoria Muscat nee Sultana, imwieled fil-05 ta' Frar, 1978, u residenti gewwa 78, Triq Frangisk Camilleri, Xaghra, detentur tal-karta tal-identita' nru. 5178 G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-30 ta' Marzu 2019, ghall-habta tal-17:10 waqt li kien qed isuq vettura numru ABH 123 ta' l-ghamla Toyota Tercel, fi Triq il-Gharb, limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex:

(1) Saq vettura bil-mutur bin-numru ABH123 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz (Kap 65 Art 15(1)(a));

(2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura billi acceda l-limitu ta' velocita' waqt li kien ghaddej minn barra belt jew rahal (L.S. 65.11 Art. 127(1) );

(3) Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tarregolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Olgun Ilker, karta ta' l-identita Franciza Nru: 160513300588 skont kif iccertifikat minn Dr. Peter Muscat MD ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex (Kap9 Art 226(1)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Art. 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Art. 226 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Art 127 (1) L.S.65.11 kif ukoll l-Art.17 tal-Kap.9 Ligijiet ta' Malta filwaqt li sabet lill-imputat Chalie Muscat hati ta' l-ewwel imputazzjoni fejn saret referenza ghal sewqan b'manjiera traskurata u hati tat-tielet imputazzjoni, izda mhux hati tat-tieni imputazzjoni u ghalhekk illiberatu minnha, ikkundannatu ghall-multa komplessiva ta' elf u mitejn Euro (€1,200).

Il-Qorti ordnat wkoll is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal zmien xahar li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Rat ir-rikors tal-appellanti Chalie Muscat minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma l-parti fejn illiberatu mit-tieni akkuza, thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata fejn sabitu hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza, u konsegwentement fis-sens illi tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-Ewwel Aggravju - In-Nullita' tas-Sentenza Appellata**

Illi fl-ewwel lok, l-appellant jissottometti li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija nieqsa mill-osservazzjoni stretta u skupoluza tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi u dan

partikolarment meta fis-sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant, naqset milli tillibera lill-istess imputat, qua appellant, mill-akkuza ta' nuqqas bla kont u b'manjiera perikoluza.

Illi l-esponenti appellant jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Norman Vella moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Onor. Imh. Consuelo Scerri Herrera) tas-16 t'Ottubru, 2020 u li permezz taghha l-Qorti annullat ex officio s-sentenza appellata.

Illi hekk kif gie sottolineat minn din l-Onorabbli Qorti:

> *"Il-Qrati ghandhom jaderixxu ruhhom skrupolozament mad-dispost tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in-nuqqas li jsir dan qieghed iwassal ghal dewmien inutli tant li qeghdin jigu annullati numru ta' sentenzi …"*

Illi fid-dawl ta' dak enuncjat f'sensiela ta' sentenzi li ssir referenza ghalihom fil-kaz succitat, ghalhekk is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija monka u ghandha tigi annullata.

**It-Tieni Aggravju – In-negligenza kontributorja da parti tal-vittma**

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravvju tal-appellant, l-esponenti jaghmel referenza ghall-fatti specje tal-kaz in kwistjoni, partikolarment il-fatt illi kien il-vittma stess li kkontribwixxa b'mod mill-aktar car u kien minhabba fl-agir irresponsabbli tieghju li avvera ruhu dan l-incident.

Illi infatti, hekk kif hareg car mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-vittma f'dan l-incident, kellu mhux wahda izda zewg pedestrian crossings a dispozizzjoni tieghu – facilitajiet li huwa ghazel li ma juzax u minflok, b'mod azzardat ghall-ahhar, qabad u qasam it-triq minn fejn fettillu u b'hekk ikkawza l-incident de quo.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti appellant jaghmel ampja referenza ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fatih Pancar** deciza fis-6 ta' Novembru, 2018. Issir referenza partikolari ghar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fejn inghad illi:

> *"Din il-Qorti tabraċċa u tagħmel tagħha r-rakomandazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex illeġislatur jikkunsidra l-introduzzjoni ta' 'Pedestrian Offences' u dan fl-ambitu talHighway Code innifsu li jimponi obbligi mhux biss fuq is-sewwieqa iżda anke fuq pedestrians li jkunu qegħdin jużaw it-triq. Din il-Qorti tissuġerixxi li għandu jkun hemm sanzjonijiet għal persuni li jagħżlu li jaqsmu minn punt partikolari ta' triq nonostante li jkun hemm pedestrian crossing jew punt aktar sikur minn fejn taqsam."*

L-appellant jissottometti li filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti tosserva li kien hemm nuqqasijiet li gew kommessi da parti tal-vittma fl-incident de quo, b'danakollu, tali nuqqasijiet bl-ebda mod ma gew riflessi fil-piena inflitta permezz tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti;

**It-Tielet Aggarvju – Apprezzament zbaljat tal-provi**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda partikolarment il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel analizi korretta tal-fatti kollha enuncjati quddiem.

Dan qieghed jinghad b'referenza ghall-provi migjuba quddiem il-Qorti b'mod partikolari r-rizultanzi tal-incident. Jigi sottolineat illi kif jidher ben car mir-ritratti u mill-okkorrenza, il-hsara li garrbet il-vettura li kien qieghed isur l-appellant kienu fil-parti tal-genb tal-vettura u fis-saqaf. Ma kien hemm l-ebda hsara fil-faccata u l-parti ta' quddiem tal-vettura. Dan juri bic-car illi kien fil-fatt il-vittma li ghazel li jaghmel azzjoni affrettata meta b'mod brusk ghall-ahhar qasam it-triq habta u sabta u dahal direttament fil-vettura. Li l-vittma kellu jkun gia' f'nofs it-triq, il-hsara kienet tavvera ruhha fil-parti frontali tal-karrozza u mhux fil-genb tal-istess vettura.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponenti appellant jissottometti li l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli naghmel analiza akkurat tal-provi prodotti a detriment tal-istess appellant.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-21 ta' April, 2021.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti gja itttattat ma l-eewwel eccezzjoi sollevata mid-difiza u cioe dwar in-nulita ta' l-ewwel sentenza u dan permezz ta' sentenza preliminari li inghatat nhar it-12 ta' Frar 2021 fen kienet laqghet l-aggravju tal-appellant u iddikjarat is-sentenza nulla stante li ma kienx hemm liberatorja jew kundanna fuq iz-zewg akkuzai dwar sewqan perikolu u blakont u ghalhekk din il-Qorit ser titrata mal-appellant mill-gdid ai termini tal-artikolu 428(3) tal-kap 9tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat li l-appellant fit-tielet aggravju tieghu jistqarr li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti u dan ghaliex isostni li mill-provi prodotti jirrizulta li l-hsarat soffertimill-vettura li kien qed isuq l-appellant kellha hsarat fuqha fil-parti tal-genb u fis-saqafu dan jindika li ghalhekk l-alleat vitma qabad u qasam ghall-gharrieda u kien hu li dahal fil-vettura tal-appellant u mhux l-appellant li dahal fih.

lli din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> *'kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li ija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003**, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi,** 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri**: Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris,** 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit,** 31 ta' Mejju 1991.
Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :
Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għallkonklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba millpartijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għallkonklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

.Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli talevidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence.*

**L-artikolu 637** tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> *'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ'.*

Imbagħad l-**artikolu 638** tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009**; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter,** 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed,** 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt,** 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991**; Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991

passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne,</u>**[5]

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta -mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda,

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Bonavia</u>** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **<u>Il-Pulizija vs Antoine Cutajar</u>** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **<u>Il-Pulizija vs Carmel Spiteri</u>** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni **<u>lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni</u>**[7]. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fil-każ Ingliż Majid,[8] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence, Adrian Keane** u **Paul McKeown** jgħidu s-segwenti : -

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial*

[6] **<u>R v Majid,</u>** 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti
[8] Ibid

*Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales

U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**[9], ġie ritenut is-segwenti:

*Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci*

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali

*lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*

In oltre u aktar reċentement fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Cyrus Engerer</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi

*Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan ilkonvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest talprosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita talprovi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.*[10]

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti talMaġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment,

[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia

tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda leżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino</u>** [11] fejn intqal is-segwenti:

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Vincent Calleja</u>** [12] din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti talMaġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tarriżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm iddeċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell

[11] Deċiża mill--Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding

[12] Deċiża mill--Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar is-7 ta' Marzu, 2002.

Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Ikkunsidrat: -

Din il-Qorti ghalhekk fliet l-atti proceswali u dan sabiex tara jekk tistax tiddipartixxi mill-gudizzju milquh minn l-ewwel qorti.

Illi nhar it-3 ta' April, 2019 l-**ispettur Josef Gauci** pprezenta l-affiavit ta' PS 1301 u PS 1040.

**PS 1301 Christian Bonello** xehed li nhar it-30 ta' Marzu,2019 ghall-habta tal-17.15 p.m dahlet telefonata gewwa l-ghassa tal-pulzija tar-Rabat, Ghawdex fejn gew infurmati li kien hemm incident awtomobilistiku gewwa Triq l-Gharb, l-Ghasri fl-inhawi mgharuf bhala tal-Wilderness. Huwa ghalhekk informa lil-kolega tieghu PS 1040 li kien stazzjonat l- RIU biex jmorru fuq il-post. Gie infurmat li kienet giet imtajra persuna ta' sess maskili ta' nazzjonalita Franciza u gie mehud l-isptar b'ambulanza. Aktar tard mar fuq il-post u nnota li kien hemm vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABH-123 tal-ghamla Toyota. PS 1040 kien ma grupp guvintur barranin jiehu l-vesjoni taghhom u aktar tard sar jaf li kienu mal-vitma qabel ma sehh l-akkadut. Huwa ghamel skizz tal-kollizzjoni u ha il-versjoni ta-xxuffier u tal-passigiera li kienu rikbin mieghu.

Huwa pprezenta kopja ta' l-iskizz maghmul minnu li gie markat bhala dok CB2,[13] kopja tal-okkorrenza li giet markata bhala dok CB1 u certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Peter Muscat li kkonferma li l-feriti subiti minn Ilker kienu ta' natura gravi. Qal li meta kien fuq il-post innota li l-viser tan-naha tax-xufier kienet imtella u ghalhekk gibed l-attensjoni tal-appellant dwar dan, pero l-appellant wiegbu li kien libes nuccali tax-xemx. L-vitma irrizulta li kienet Olgun Iker ta' nazjonalita Franciza u skond dak rapportat lilu minn Dr Zahra ma kienx fil-perikolu tal-mewt.

**PS 1040 John Grima** ukoll xehed permezz ta' affidavit u dan stqarr li nhar it-30 ta' Marzu, 2019 ghall-habta tal-5.15 p.m waqt li kien qed jghamel ir-ronda ma PC 354 Cini u PC 1571 Azzoprdi gie mgharraf li hdejnil-Wilderness kien hemm persuna li kienet ghada kemm giet imtajra. Huwa immedjatament mar fuq il-post hdejn il-bus stop ta' San Niklaw fid-direzzjoni tal-Gharb u ra persuna ma l-art bid-demm hiereg minn rasha u tokrob bl-ugiegh. Minn stharrig preliminari li ghamel fuq il-post man nies li kien hemm irrizultalu li kien hemm grupp ta' guvintur barranin fejn il-BUS stop u wiehed minnhom pprova jaqsam u tfaccat vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABH 123 min naha tar-Rabat u misjuqa lejn l-Gharb u tajritu. Huwa

[13] Fol.20 tal-atti processwali

ha ritratt tal-vitma li gie prezentat u markat bhala dok JG1. Il-vitma ittihdet l-isptar u ha hsieb biex jippreserva x-xena tal-incident sakemm tigi stabilita l-kundizjoni medika tal-vitma. Fil-fatt ha hsieb ukoll li tinghalaq it-triq ghat-traffiku.

Fuq il-post tkellem ma erba′ persuni li kienu qed jimxu faccata. Tlieta minn dawn ix-xhieda u cioe Evelyn Bezzina, Geltrude Zammit u Mary Anne Bezzina qalu li mad-daqqa raw lil vitma ittir fl-arja. Waqt li Maria Mercieca stqarret li rat il-grupp nizel minn gol Bus u ftit wara tara wiehd minnhom ihares lejn ir Rabat biex jaqsam. Qalet li rat l-vettura ABH 123 ta′ kulur ahdar gejja min naha tar-Rabat lejn l-Gharb b′velocita mhux esagerata u laqtet lil din il-persuna. Rat lil vitma itir fl-ajru u jaqa′ ma l-art. L-vettura ABH 123 baqghet sejra sa fejn hemm il-*pedestrian crossing* u irriversjat lura. Meta tkellem mal-Francizi dawn indikawlu fejn kien qed jaqsam u safejn kien wasal sihbhom qabel intlaqat. Huwa ghalhekk gibed ritratt u indika l-post b′cirku ahmar bhala l-punt tal-impatt. Dan ir-ritratt gie esebit u markat bhala dok JG2.

Huwa tkellem ma Nadir Ridwana Ikher li kien ma shabu u dawn qalulu li erbgha minutr wara li nizlu mill-Bus OIlgan Ilker pprova jaqsam u tfaccat vettura min naha tar-Rabat b′velocita ta′ madwar 90/1000km f/s u laqtitu. Spjega li mad-daqqa beda idur fl-arja u waqa′ aktar ′l quddiem. Temm jghid li l-vettura baqghet sejra u mbaghad irriversjat. Fuq il-post kien hemm Victoria Mucat flimkien ma zewg minuri Oliver u Jerome ahwa Muscat. L-appellant ha l-assistenza legali qabel ma irrilaxa l-istqarrija. L-iskizz fuq il-post sar minn PS 1301 Bonello mghejjun minn PC 1130 Sammut. Qal li l-appellant indikalu il-post fejn waqaf wara l-incident u dan irrizulta li hu 12.5 metri mill-arblu 21 indikat fl-iskizz. It-triq infethet ghat-raffiku fis-7.00 p.m u dan wara li gie certfikat li l-vitma kien qed isofri minn griehi gravi u li ma kienx fil-perikolu tal-mewt. Huwa pprezenta pjan mehud minn fuq il-google map li qed jigi markat bhala dok JG3 fejn hemm indikat il-punt tal-impatt.

Illi nhar it-3 ta′ Dicembru, 2019 b′zieda ma dak li qal fl-affidavit ighid li huwa kien gie mitlub mill-Ispettur Josef Gauci sabiex imur fuq il-post ftit wara li sehh l-incident u jaccerta ruhu x′inhu l-ispeed limit li hemm immarkat fit-triq jew ma l-art ta′ fejn sehh l-incident . Qal li sinjali hemm kemm ma l-art kif ukol fuq tabelli li jimmarkaw 50km/fs. Qal li huwa gibed ritratt minn fejn sab lill-vitma ma art u mid-direzzjoni ta′ fejn kienet gejja l-vettura. Jghid li t-triq jisimha Triq l-Gharb u din taghmel ma l-Ghasri

**Nadir Ridwana Ikhernae** xehed nhar it-3 ta′ April 2019 viva voce u stqarr li kienu grupp ta′ zaghzagh u li kienu krew farmhouse ghal weekend. Jghid li kienu zewg gruppi tmienja b′kollox. Qal li l-grupp tieghu hargu mill-bus biex jiltaqghu ma l-ohrajn. Qal li fit-triq ma kienx hemm karozzi, kienu kollha hdejn xulxin u l-habib tieghu beda jaqsam.

Jghid li IIker kien qieghed hdejh ezatt qabel ma beda jaqsam u fit-triq karozzi ma kienx hemm.Beda ihares lejn il-lemin u f'daqqa u l-hin tfacccat l-karozza f'daqqa wahda ul aqtitu. L-incident sehh jum is-Sibt. Qal li kellu xokk qawwi fuqu ghaliex haseb li sihbu kien miet. Ra li kellu siequ miksura. Il-karozza kienet mghagla wisq u giet min naha tal-lemin taghhom. Qal li appena nizel mill-bus mar ipoggi bilqeda hdejn il-bus stop sabiex ipejjep sigarett Qal li ra l-vettura hierga min triiq 'side street' u riesqa lejhom Qal li l-incident sehh ghall-habta tal-5.00 p.m u 5.15p.m. Jghid I l-ewwel darba li ra l-vettur akien fil-hin tal-incident u dan ghaliex kienet ghaddejja tghaggel. Mistoqsi jekk jaf li kien hemm zewg zebra crossings fit-triq jghid li ma tawx kaz. Qal li l-vettura ra gejja u suppost kien hemm hin biex tibbrekja pero ma rahiex tibbrekja. Mur r-ritratt aerial photo mehud minn PS 1040 u jghid li jahseb li l-appellant kien gej mid-dirzzjoni tar-Rabat. Huwa gharaf lill-appellant bhala l-sitess persuna li kien qed isuq il-vettura li kienet wahda antika u hadra fil-kulur.

**Medi Benjaafar** xehed nhar it-3 ta' April ,2019 viva voce u stqarr li kien hemm sihbu Ilker ghaddiet karozza b'velocita qawwija u rah fl-arja. Ikkonferma li l-incident sehh jum is-Sibt filghaxija ghall-habta ta' xis-6.00p.m. Mistiqsi x'tip ta'karozza kellu x-xewwieq jghid li ma jafx salv o kienet tawwalija u kellha kulur ahdar. Mistoqsi jekk rax lil Ilker jaqsam jghid li ma rahx jaqsam. Qal li x'hin nizel dar sema hoss u ra lil sihbu fl-arja. Fl-ebda hin ma rah nizel minn fuq il-bankina.

**Pussana Tibourtine** xehed nhar it-3 ta' April ,2019 viva voce u stqarr li kienu nizlu minn fuq il-bus u l-habib tieghu ried jaqsam. Qal li Ilkerqasam minghajr ma kien qed jahseb u qalulu 'oqghod atttent, oqghod attent'. Mistoqsi min qallu biex joqghod attent jghid li ma jafx. Ikkonferma li l-vettura kellha velocita qawwija u induna b'dak li kien gab meta ra l-habib ma l-art miksi bid-demm. Meta waslu l-pulizija jghid li s-sewwieq caqlaq il-vettura 'l quddiem. Ikkonfemr ali is-sewwieq li gharaf prezenti fl-awla bhal al-akkuzat kiengej min naha tal-lemin tieghu. Ikkonferma li kien hemm zebra crossing u li Ilker ma qasamx di qrib iz-zebra crossing. Mistoqsi meta ra l-vettura l-ewwel jghid li ma jafx pero huwa certi li kellha speed mhux normali. Jghid li meta wara l-incident ressaq il-vettura l-akkuzat ghamilha iktar lejn il-genb tat-triq izda mhux kif gie suggerit lilu biex ma jostakolax it-traffiku.

**Matteo Fascella** xehed nhar it-3 ta' April, 2019 u qal li ma rax l-incident isehh. ghalkemm ra l-vettura gejja tghaggel, sema l-hoss u ra lil habib tieghu ma l-art isofri. Wara ra l-karozza tieqaf ftit metri 'l fuq u rah jipparkja l-vettura mal-genb. Huwa gharaf lill-akkuzat bhala is-sewwieq tal-vettura li laqtet ll habib tieghu Ilker. Ikkonferma ukoll il-vettura kienet gejja min naha tal-lemin tieghu. Mistoqsi jekk hux minnu li qabel ma qasam it-triq kien hemm xi habib li qal lil

Ilker biex joqghod attent, jghid li ma semghux pero wara hekk bdew jghidu. Qal fuq iz-zewg nahat ta' fejn sehh l-incident kien hemm zebra crossings.

**Malik Seghir Chinoune** xehed u spjega li s-Sibt ta' qabel u qal li kellhom il- GPS f'idejhom biex jaraw fejn kienu ser jalloggjaw ruhhom. Qal li appena nizlu mill-bus kienu qed jaraw il-GPS u raw li kellhom bzonn jaqsmu t-triq. Hu flimkien mal-habib tieghu Jean Claude qasmu t-triqu l-kollega taghhom Ilker warajhom. Qal li huwa ma rax l-incident isehh pero sema l-hoss u dar u ra il Ilker fuq il-karozza. Il-kaorzza baqghet mixja'l quddiem u l-habib tieghu dar mal-art, l-ewwel habib mal-karozza u beda jirrolja ma l-art ubeza li l-kaorzza kient ser tghaddi minn fuqu. Il-vettura waqfet ftit 'l boghod. Meta ra hekk mar jghati l-ghajjut Qal li hwua jsitudja mechanics u huwa cert li l-akkuzat li gharaf fl-awla ma zammx il-*breaking distance* ghal dak l-ispeed li suppost kien hemm fit-triq. Ikkonferma li l-vettura misjuqa mill-akkuzata giet mill-lemin taghhom.

Mistoqsi jekk hux minnu li appena nizlu mill-bus marru biex jaqsmu t-triq jghid li mhux minnu ghaliex riedu jaraw il-GPS qabel biex jaraw id-direzzjoni tal-farmhouse. Ikkonferma li kien hemm zewg settijiet ta' zebra crossings. Qal li huma qasmu min nofs ta' bejniethom ghaliex ma kienx hemm traffic fir-triq. Qal li huma qasmu minn hdejn il-bus stop ghaliex ma hasbux. Qal li l-ewwel darba li ra l-vettura kien meta sema l-hoss u hares lura . Qal li ma jafx b'liema speed kien ghaddej.

**Jean Claude Mihidjay** xehed u qal li dakinhar kien qasam it-triq al-habib tieghu Malik biex jimxi fid-drezzjoni oposta ghaix kienu hadu buss bi zbal. . Ilker kien warajhom u kien qed iharsu fuq il-GPS biex jaraw fejn iridu imorruu u sema hsejjes ta' flixken jaqghu ghax il-habib taghhom kien qed igorr xi flixken u sema niex jghajtu u ra lil habib tieghu izomm rasu u jghid x'gara. Hares lejn it-triq u fil-boghod ra lil Ilker ma l-art u amr jigri biex jara x'kien gara. Huflimkien ma Nagir u Medi kienu l-ewwel niex li marru jghinuh. Qal li mar ma Ilker l-isptar ghaliex hu jitkellem l-Ingliz l-ahjar mill-grupp. Qal li l-incident isehh ma rahx. Jaf li l-karozza involuta kienet hadra u kellha il-windscrren tan-naha tax-xellug miksur. Ikkonferma li l-vetura baqghet sejra izda imbaghad irriversja biex jieqaf qrib il-vitma. Huwa ra l-vettura mixja lura u ra l-habib tieghu ma l-art. Ikonferma li l-akkuzat kien ix-xuffier tal-vettura..

In kontro esami jghid li meta nizlu mill-bus qadu bil-qeda biex jaraw fejn kellhom imorru u wara qasmu Malik u hu u wara qasmu l-ohrajn . Mistoqsi jekk hux minnu li qalulhom biex ma jaqsmux bl-addocc. Fil-fatt jghid li Ilker qal dan id-diskors ghaliex

fil-fehma tieghu in-nies hemmhekk me kienux qed isuqu tajjeb. Qal il-kliem '*noqghodu attenti u niehdu hsieb xulxin*.' Mistoqsi jekk rax zebra crossings fil-vicin jghid li ma tax kaz .

L-allegat vitma **Ilker Olgun** xehed u spjega li kienu hadu bus biex jieqfu hdejn farmhouse li kienu krew. Jghid li kellhom jaqsmu it-triq. Qablu kien hemm gja tnejn minn shabu li qasmu t-triq, waqt li kien ohrajn minn shabu li kienu qedin qrib tieghu biex jaqsmu u wara kien imiss lilu biex jaqsam u ma jiftakar xejn iktkar. Qal li kien qed igorr pakkett ilma. Qal li meta qasam ma kienx hemm karozzi, it-tri qkienet vojta, Qal li kien vicin il-bankina izda mhux fuqha meta intlaqghat . Qal li mill-bus kienu tmienja li nizla . Qal li qabel l-incident kien fil-bus. Qal li kellu sieq minnhom fuq il-bankina u ohra kienet fuq iz-zebra crossing.

**Dr Peter Muscat** xehed nhar l-14 ta' Gunju, 2019 u kkofnerma li nhar it-30 ta' Marzu 2019 ghall-habta ta' 17.57 iddahhal Ilker Olgen bl-ambulanza l-isptar wara li kien gie allegatament imtajjar minn vettura . Qal li kien qed jikkiumplejnja b'ugiegh fuq in-naha ta' sidru tal lemin u genbu u saqajgh il-lemminija. Qal li kien konxju ukellu brix fuqin-naha al-lemin ta' sidru u zaqqu u genbu. Kellu nefha fuq is-saqjn leminijia li kien evidenti li kelu ksur Kellu zewg qatat zghar fuq widintu , gundalla f'rasu kollox fuq in-naha tal-lemin. Huwa kklasifika l-feriti subiti minnu bhala dawk ta' natura gravi pero zgur li ma kienx f'sitwazzjoni li jitlef hajtu. Muri d-dokument CB3 ighid li dan gie miktub minnu u kkonferma l-kontenut tieghu

L-**ispettur Saviour Farrugia** xehed u kkonferma li l-vettura tal-ghamla Toyota Tercel numru ta' regisrazzjoni ABH 123 tghajjat lil Anne Baela detentrici tal-karta ta' identita numru 54345G u din ilha hekk registrata sa mis-sena 1999. Huwa esebixxa dokument mahrug min Transport Malta li gie markat bhala dok SF1.[14]

**Victoria Ann Muscat,** omm l-appellant xehdet nhar l-14 ta' Gunju 2019 tghid li kienet bilqeda wara is-eat tad-driver misjuqa minn binha sejrin lejn l-Gharb gejjin mir-Rabat. Qalet li kienu qaslu vicin discoteka u mixjinbil-kwiet. F'daqqa u l-hin semghet 'bum'. Nizlet tigri minn gol-karozza u rat guvnott ma l-art. Ikkonfermat li ma tantx kellu

[14] Fol. 62

speed u kienu mixjin bil-mod Jaf liwara ftit giet l-amblanza u hadet lil dan il-guvnott l-isptar.

**Amnny Abela** xehdet quddiem l-assistent gudizzjajru u stqarret li kienet fil-karozza fuq quddiem ma genb l-akkuzat u wara kien hemm it-tfal man-nanna. Tiftakar li kien jum is-27 ta' April 2019 ghall-habta tal-5.3pm/is-6.00pm . Tghid li fit-triq ma rat xejn u f'dqqa u l-hin semghet tifqija ta' hgiega tal-windscreen. Mistoqsija jekk hargitx mill-karozza tghid li le ghaliex sieqha tugaghha u tiehu battikata Qalet li l-vettura li kient rikba fiha hija taghha pero l-appellant ghandu licenzja biex ikun jsita isuqha . Qalet li hija karozza bin-numru ta' resgitrazzjoni ABH 123 Taf li fuq il-post giet ambulanza u anke pulizija Taf lipero wegga barrani u ma tafx jekk dan habatx mal-vettura. Qalet li fuq il-bankina m arat il-hadd. Kienu proprju vicin restaurant mgharuf bhala The Wilderness fi Triq ta' Pinu Tghid li l-akkzuat ma tantx kien ghaddej ghax kllu t-tfal mieghu. Mistoqsija fejn kienu sejrin tghid li kienu sejrin picnic bit-tfal

**Evelyn Bezzina** xehdet u qalet li kienet mixja sejra lejn ta' Pinu u semghet tisbita kbira, harset lura u rat lill-appellant itajjar pesna u baqa' miexi ftit . X'hin induna li tajru tahseb li irriversja. Hija ma t'gharafx minn kien qed issuq pero meta rat lill-appellant tghid li seta kien hu l-persuna li kienet qed issuq il-vettura dak in-nhar tal-incident. Mistoqsija tispejga x'rat meta daret tghid li rat guvnott fuq il-bonett tal-karozza jinzel ma l-art. Qalet li dak il-hin werzqet hafna u s-sewwieq irriversja lura. Qalet li maghha kien hemm zewg min nies ohra jimxu Qalet li l-incident sehh in-naha l-ohra tal-Winderness. Mistoqsija xi speed kellu l-appellant tghid li ma tafx. Tikkonfema li l-guvnott kien ma l-art vicin il-bankina . Ikkonfermat li l-vettura ukoll kienet sejra direzzjoni ta' ta' Pinu. Meta gie itmajjar l-guvnot il-vettura kienet fuq l-istes naha fejn waqfet ix-xarabank.

**Gertrude Zammit** xehdet u kkonferma li kienet marret timxi sa ta' Pinu flikien mat-tfal. Tghid li kienet rat li kien hemm 4 jw 5 guvintur. Dan kien ghall-habta tal-5.00pm jew l-4.00p.m. F'daqqa ul-hin semghet tahbitakbira u harset u sabet li kienhemm guvni li ta' minn fuq il-bonnet u jaqa' fl-art. Min tajru mexa 'l quddiem ghaliex lanqas induina li kien tajru . Tghid li 'mexa mexa jigifieri ma waqafx'. Tghid li makien hem brejkijiet xejn . Hija marret taghti l-ghjnuna u cemplu lill-pulizija u l-ambulanza . Il-karozza kient qed tinstaq direzzjoni lejn ta' Pinu Tghid li kien ftit l-isfel miz-Zebra

crossing . Tghid li taf li min tajru kien ragel u kien mal-mara u t-tfal pero ma tgharfux . Taf pero li z-zaghzagh li kien hemm kienu qed jipprovaw jaqsmu u fil-fatt tghid li tnejn minnhom kienu gja qasmu pero huma baqghu mixjin. Tghid li tahseb li l-karozza kienet ghaddejja bi speed normali ghax brejkijiet ma semghet x. Pero tghid li ma ratux isuq . rat il-karozza meta kient wieqfa. Tghid li l-vitma spicca ezatt hdejn il-bankina ftit l-isfel u ftit 'l fuq minn zebra crossing. Tghid li anke iz-zewg zaghzagh li rat jaqsmu ma qasmux minn fuq zebra crossing izda mit-triq. Ma tafx jekk il-pesuna li ittajret kientix qe tipprova taqsam. Tghid li apparti din il-vettura karozzi ohra fit-triq ma kienx hemm,

Maria Mercieca xehdet u spjegat li kient mixja flimkien maz-zija, nanna u l-mummy u kienu bil-klieb. Hijakient ftit 'l quddiem minnhom u rat dan ilgrupp ta' zaghzagh li kienu Francizi. Taf li hargu mill-bus 312. Tghid li l-bus waqfet vicin ta' restaurant fit-triq li taghti ghal ta' Pinu. Tghid li dan il-guvnot kien wasam in-naha tas-sigar ghan naha ta' l-ghelieqi . Hija rat l-incident isehh u tghid li rat l-guvnot jaqsam, ihares wahda 'l hawn u 'l hemm u rat l-impatt u mal-habta ratu jaqa' ma l-art u demm hiereg minn kullmkien Mistqosija jekk gharfitx is-sewweq tal-karozza tghid li le ghaliex dan baqa' fil-vettura. Tghid li kien gja qasam guvnott u ratu imur warajh. Qalet li kien qed jaqsam bil-pakkett ilma u ratu jolqot irkuptejh imbaghad rasu mal-windscreen, tar habat mal-bankina n-naha l-ojhra mhux fejn kienet hi fejn hemm is-siar u d-drier baqa isuq. Zijtha u ommha bdew jghajtu u dan waqaf u waqaf hdejn iz-ebra crossing ta' quddiem . Tghid li kien qed isuq naqra bhal kulhadd. F'dik it-triq kulhadd isuq tghid Ikkonfermat li minkejjalli ftit 'l fuq hemm zebra crossing huwa qasam lil hinn miz-zebra crossing imbaghad irriversja.

Nhar it-23 ta' Gunju 2020 xehed l-espert fotografu **Max Xuereb** u stqarr li kien gie nominat mill-Qorti biex johrog stills minn CD li kien pprezenta s-surgent John Grima. Huwa pprezenta ir-relazzjoni tieghu konsistenti f'ghaxar ritratti li gew markati bhala dok MX.

**Ikkunsidrat ultejorment.**

Bhala fatti jirrizulta is-segwenti:

1. L-incident awtomobilistiku sehh nhar it-30 ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-5.15 p.m fi triq l-Gharb limiti ta' l-Ghasri.
2. L-appellant kien qed isuq vettura tal-ghamla Toyota nurmu ta' registrazzjoni ABK 123 registrata f'isem Anne Abela pero' fil-jum tal-incident kienet misjuqa mill-appellant.
3. Jidher li l-appellant kien gej mid-direzzjoni tar-Rabat sejjer fid-direzzjoni lejn l-Gharb u mieghu fil-vettura kellu lill-ommu, martu u uliedu.
4. Fuq in-naha tax-xellug tieghu f'tarf it-triq kien hemm grupp guvintur li kienu ghadhom kemm nizlu minn fuq xarabank.
5. Wiehed jew tnejn minn dawn il-guvintur kienu gja qasmu ghan naha l-ohra tat-triq pero mhux min fuq zebra crossing.
6. L-vittma kien ser jaqsam it-triq u jmur faccata hdejn shabu meta f'idejh kellu pakkett ilma u gie milqut minn karozza ghaddejja minn l-istess triq.
7. Illi hwua sofra griehri gravi kif deskritti minn Dr Peter Muscat.
8. Fit-triq fejn sehh l-incident kien hemm zewg zebra crossings u l-maximum speed tat-triq hu 50 km/fs kif murija fir-ritratti esebiti minn Dr Max Xuereb
9. Jidher li kienet biss ix-xhud Maria Mercieca li rat l-incident isehh u hija fil-fatt iddeskriviet dak li sehh ghalkemm tghid li ma tgharafx lill-appellant bhala s-sewwieq tal-vettura.
10. Jidher minn dan li qalet Maria Mercieca li s-sewwieq ma indunax li kien laqat persuna tant li waqaf ftit il fuq fit-triq qabel it-tieni zebra crossing minhabba l-ghajjat ta' nies li kienu fit-triq.
11. Jirrizulta ukoll u dan ghaliex stqarrewh numru ta' xhieda li meta induna li effetttivament kien tajjar bniedem dan irriversja u pparkja mal-genb tat-triq.
12. L-vettura spiccat bi hsarat konsiderevoli fuq il-bonnet, saqaf u windscreen miksur

L-imputazzjonijiet li taghhom instab hati l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti jitkellmu, ossia l-artikolu 226(1), tal-Kodici Kriminali u artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellmu fuq il-kuncett ta' negligenza. Fil-fatt artikolu 226 jitkellem fuq "nuqqas ta' hsieb, traskuraggni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u

nuqqas ta' tharis ta' regolamenti" filwaqt li l-Kap 65 jitkellem fuq sewqan "b' nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b' mod perikoluz."

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija oggettiva u dik suggettiva. L-ezami ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu mmirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f' cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza fuq kemm wiehed ikun vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f' dak il-kaz partikolari.

Ghalkemm il-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini "nuqqas ta' hsieb u traskuragni", madanakollu l-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f' cirkostanza partikolari. Tali interpretazzjoni taghmel sens hafna iktar meta tikkunsidra li l-Kodici taghna huwa bbazzat fuq il-Kodici Taljan tal-1889 fejn l-ezami ta' negligenza huwa wiehed suggettiv.

Di piu' il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jistipula illi ghalkemm il-legislatur jonqos milli jaghti definizzjoni ta' dawn it-termini pero' "***it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances***[15]." Il-Professur Mamo kompli jsostni li "*the essence of negligence is made to consist in the "****possibility of foreseieng, the event which has not been foreseen***[16]"[17]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza talQorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs Richard Grech'** [18] gie deciz li l-kuncett ta' traskuragni jimplika "*certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali.*" Ghaldaqstant skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda palesi, sabiex l-appellanti setghet tinsab hatja li saqet b'

[15] Enfazi ta' din l-Onorabbli Qorti
[16] Enfazi ta' din l-Onorabbli Qorti
[17] Lectures in Criminal Law, Volume 1
[18] Deciza nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, kien jehtieg li tali hsara tkun preveddibli, ghalkemm mhux prevista.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ' **<u>Pulizija vs Perit Louis Portelli'</u>** gie stipulat li:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.*
>
> *Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta ddiligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione[19]."*

Ricentement din il-Qorti diversament preseduta kellha okkazzjoni tistharreg dakli jikkostitwixxi l-element tal-proper look out mehtieg minn kull sewwieq prudenti u diligenti kif ukoll li tistharreg l-elementi ta' dritt li isaqru l-principju tal-kaz fortuitu f'sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Dorianne Camilleri</u>** [20]fejn inghad li:

> "Ibda biex ......, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu

[19] Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46
[20] Deciza fit-28 ta' frar, 2018

jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.'[21]

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:-

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak iddriver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u talkonsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian* .[22]" (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza.

Dik il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta' ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet: "Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet;

*a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

[21]Decizmill-Qrti tal-Appel Kriminali Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"nhar is-26 ta' Gunju, 1954 Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859

[22] App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*"

Ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara tal-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta: "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta dell'atto;

2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u

3. la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija *culpa,* ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella**[23])"

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa,

"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo –

1° volontarieta` dell'atto –

2° mancata previsione dell'effetto nocivo –

3° possibilita` di prevedere."

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J.Mamo,** fin-noti tieghu, jghid hekk:

---

[23] Deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

L-**Antolisei,** izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-**Carrara** u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta ilkolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta' l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:

*"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

Awturi ohra bhal **Mantovani** u il-**Padovani** jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:

1. *un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
2. *un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
3. *l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*
4. *la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta'

komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "*proper look out*". Gie ritenut li:

> *"Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*[24]

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li, "*... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x' aktarx kienet tigi evitata jew x' aktarx li ma kinitx issehh f' dak il-grad li effettivement sehhet.*[25]"

Jigi mfakkar f' dan l-istadju li anke f' dan il-kaz il-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-kaz taghha beyond reasonable doubt. In segwitu l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-obbligu legali li, a bazi tal-provi prodotti mil-prosekuzzjoni, tanalizza jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kienux jippermetu lill-appellanti li tintebah minn qabel bil-konsegwenzi tal-agir tieghu. Di piu, anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, l-appellanti ma zammx il-' proper look out' u l-provi prodotti jindikaw li anke kieku tali '*proper lookout*' inzamm xorta wahda kien isehh dan l-incident, mela allura l-appellanti ma jinstax jinstab hatja stante li l-incident ma kienx wiehed prevedibbli.

Illi jinghad li t-triq fejn sehh l-akkadut hija triq principali, wiesgha dritt b'vizjoni tajba. Jinghad li f'din it-triq hemm zewg zebra crossings kif ukoll speed limit ta' 50 km/fs. Kien ghadu d-dawl u ghalhekk mhiex kwisjtoni jekk kienx hemm dawk fit-triq. Fit-triq dak il-hin kien hemm hafna nies u dan ghaliex kien hemm il-grupp ta' zaghzagh Francizi, kien hemm ukoll in-nies li inzertaw ghaddejjin minn hemm u cioe Maria

[24] Pulizija vs Roderick Debattista deciza nhar is-26 ta' Mejju, 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef

[25] Deciza nhar is-6 ta' Gunju, 2003 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

Mercieca, Evelyn Bezzina u Gertrude Zammit ghalhekk is-sewwieq kellu obbligu jara dak li kien *'in plain view*[26]*'* u jekk ma rax dak li ragonevolment

Kellu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout[27]"

> *Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a builtup area, of the pavements on the side of the road as well*[28]*."*

Ili l-Qorti tal-Appell (sede Civili) fil-kawza fl-ismijiet : '**Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**[29]', qalet illi:

> *"....f' materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F' materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti." (sottolinear tal-esponenti)*

Illi skond il-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq il-'pedestrians' jistghu jkunu responsabbli ghall-konsegwenzi kkagunati lilhom stess jew lil haddiehor minhabba nuqqas ta' osservanza tal-Ligi. Ghaldaqstant, sabiex jigu evitati tali kosegwenzi, huwa dmir ta' kull pedestrian illi jevita mixi bla hsieb fil-karreggjati kif ukoll mixi f' toroq anterjali. Dan ghaliex "l-*karreggjata qieghda l-ewwel u qabel kollox biex jghaddu minnha l-vetturi"*

Illi sabiex pedestrian jaqsam triq, l-ewwel jehtieg li jsib post bla periklu; madanakollu huwa ferm ahjar li pedestrian jaqsam minn postijiet mahsuba ghall-qsim. Huwa l-obbligu ta' kull pedestrian illi fin-nuqqas ta' dan il-post mahsub ghall-qsim, jaqsam minn post fejn is-sewwieqa jkunu jistghu jarawh sew.

---

26 App. Krim. Pol. vs. Joseph Vella – 10 ta' Awwissu, 1963
27 Deciz mill- Qorti tal-Appell Kriminali,"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla nhar is-17 ta' Gunju 1961
28 Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd." [1968]
29 Deciza fil-15 ta' Jannar 1997

Fil-fatt skond il-paragrafu 43 tal-Kodici ghat-traffiku fit-Triq,

***"Fejn ikun hemm post ta' qsim ghal pedestrians (jew subway) jew f' distanza ta' madwar 50 metru ' l boghod minnek, taqsamx it-triq minn x' imkien iehor"***[30]

Illi dwar l-obbligu tal-pedestrian, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ' **<u>Il-Pulizija vs Alfred Caruana</u>**[31]' stabbilit li:

> *"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih [kif gara fil-kaz odjern] dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian"*

Illi l-appellant, ghalkemm mhux qed isemmiha espressament, donnu jidher li qed jirrikorri ghad-difiza tas-"sudden emergency" ghax qal li l-pedestrian hasditu tant li fl-ewwwl aggravju jghid li l-ewwel Qorti ma haditx in konisderazzjoni l-fatt li l-vittma ma hax il-prekawzjoni li kellu jiehu qabel ma jaqsam triq principali. Issa pero', kif gie ritenut fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera</u>**[32]" *"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emrgency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."*

Gie ukoll ritenut li:

> *"Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment*[33]."

Inghad ukoll li ;

---

[30] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti
[31] Deciza fl-14 ta' Mejju 1955
[32] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar ilt-13 ta' Dicembru, 1968
[33] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" nhar is-26 ta' Gunju,1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859

*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fittraffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu , jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti filkomportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 11 minn 14 Qrati tal-Gustizzja komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw ilvelocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikuezza.*[34]"

Il-Corte di Cassazione Taljana , meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabiliet li f' kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet :-

*a) "che il-conducente , per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistara il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

Jirrizulta li fil-kaz in desamina l-appellant kien qed fi triq javvicina zewg zebra crossings li jindika li f'dik it-triq ikun hemm nies li jridu jaqsmu l-karreggjata minkejja li hija triq fil-kampanja u li ma tantx hemm bini fil-madwar. Il-fatt li kien hemm zewg zebra crossings huwa indikattiv li l-appellant seta jipprevedi li kienu ser jaqsmu n-nies li setghu ma jidhrux ghal xi raguni jew ohra. Kien ghalhekk jinkombi fuq l-appellant li jipprocedi b'kawtela biex f'kaz li jixref xi pedestrian minn wara xi vettura, hu jkun jista jieqaf hesrem. Minflok jidher li l-appellant kien qed isuq mhux skond id-dettami diretti mill-fatturi ambjentali tal-lokalita u tal-mument tant li meta effettivament tajjar

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali .Il-Pulizija vs. George Muscat" nhar is-6 ta' Mejju,1961. Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

lil dan il-guvnott ma indunax u irrrejalizza li kien laqat bniedem meta bdew jghajtu n-nies tat-triq tant li waqaf hesrem u irriersja u waqaf mal-genb. Zgur li agir bhal dan huwa indikatti li l-appellant ma kienx kawt fis-sewqan tieghu u ma kienx qed jaghti kaz dak 'li kien in plain view' u l-ambjenti ta' madwaru. Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru[35] u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni[36]. Ghalhekk is-sewqan tal-appellant qabel l-incident kien indubbjament il-kawza prossima tas-sinistru.

Din il-Qorti ghalhekk hija al-fehma li l-ewwel Qorti kellha ragun meta sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza u cioe li b'mod negligenti u b'nuqqas ta' osservanza tar regolamenti tat traffiku involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Olgun Ilker. Mhemmx dubbju ukoll I saq b'manjera traskurata u dan ghaliex min ma jooservax ir-reglamenti tat traffikuikunhati ta' sewqan traskurat.

Illi pero jinghad li l-vittma ukoll kien traskurat f'ghemilu u dan meta ghazel li jaqsam minghajr ma ha l-kawtela u ma juzax wiehed miz-zewg zebra crosings li kien hemm fl-itess triq. Jirizulta ukoll minndak li qal siehbu stess li meta huwa gie biex jaqsam, tant li l-habib tal-vittma u cioe' Malik Seghir Chinoune jghid li ' huma qasmu minn hdejn il-bus stop ghaliex ma hasbux'. In oltre ix-xhud **Jean Cluade Mihidjay** ighid li qal lil-vittma 'noqghodu attenti u niehdu hsieb xulxin' u dan ghaliex dehrlu li n-nies ma kienux qedin isuqu sew. Messhom ghalhekk iktar kienu kawti u qasmu miz-zebra crossing.

Jigi imfakkar li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz[37]. Fi kliem iehor, il-"contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-

---

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali. "IlPulizija vs. Emmanuele Grixti" (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali.."Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef" nhar i- 13 ta' Dicembru, 1960].

[37] Appelli Kriminali "Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri deciz nhar is-16 ta' Marzu,.1961; Il-Pulizija vs. John Polidano deciz nhar it-3 ta' Novembru, 1963; Il-Pulizija vs. Rev. C.Mifsud(Kollez.Vol.XXXVIII;,iv.p.1131).

kawza unika tas-sinistru[38]. Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, Olgun Ilker – li din il-Qorti ssib li jirrizulta – dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-diminuzzjoni fil-piena u xejn aktar.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz jidher car li l-vittma kkontribwixxa ghall-incident u ghall-feriti gravi sofferti minnu kif deskritti inn Dr Peter Muscat u dan il-fatt u din il-Qorti ser tohodha in konsiderazzjoni meta tigi biex tara jekk il-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienitx wahda idoneja fic-cirkostanzi.

Illi l-ewwel Qorti ikkundnnat lill-appellant multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) liema multa taqa' fil-parametri tal-ligi. Pero' l-ewwel Qorti ma semmiet xejn li l-vittma kkontribwixxa ghal dan l-incident u ghalhekk f'dawn ic-cirostanzi hiaj tal-fehma li ghandha tnaqqas il-multa inflitta.

Din il-Qorti qeda tikkonferma l-ewwel sentenza moghtija fejn sabet lill-appellant hati ta' sewqan traskurat u tat-tielet akkuza u tikkundnnah multa ta' hames mitt euro u tikkonfermaha f'dik iil-parti fejn ma sabitux hati ta' sewqan bla kont u perikoluz u ta' sewqan b'velocita eccessiva u illiberatu minnhom.

Dwar l-iskwalifika din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ma semmtietx taht liema disposizjoni tal-ligi qed tordna tali skwalifika u din il-Qorti stante li qed issibu hati ta' sewqan traskurat u talli involontarjament ikkaguna l-feriti gravi qed tirriduci l-iskwalifika ghal zmien hmstsax-il jum mill illum f'12.00a.m u dan ai temini tal-Artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[38] App.Krim."Il-Pulizija, vs. P.Vassallo. [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883